MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 62/2005

**Charles Grech u Christine Grech.**

**vs.**

**Rausi Insurance Agency Limited (C-12398).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Jannar 2005 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi kienu sid id-dghajsa tat-tip “Coronet” numru 1157. Illi l-imsemmija dghajsa kienet involuta f’incident li sehh fil-hmistax ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgha (15.08.2004), f’liema ncident l-istess hadet in-nar fil-bajja

ta’ Kemuna u per konsegwenza giet distrutta kompletament u gherqet;

Illi l-atturi kellhom l-imsemmija dghajsa assikurata mas-socjeta` konvenuta u dan fuq vapur totali ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000);

Illi minkejja li diversament interpellata sabiex thallas l-ammont assikurat fuq l-imsemmija dghajsa, is-socjeta` konvenuta baqghet indempjenti u qed tonqos milli thallas u tirrimborsa lill-atturi minhabba ragunijiet li ma humiex veritieri;

Illi l-atturi jidhrilhom li huma ghandhom jithallsu tal-valur li d-dghajsa taghhom, illum distrutta, kienet assikurata fuqu mas-socjeta` konvenuta;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta, bhala s-socjeta` li maghha l-atturi kellhom id-dghajsa taghhom assikurata, hija responsabbli ghal hlas tal-valur ta’ l-istess dghajsa, liema dghajsa kif inghad giet distrutta fl-incident li sehh fil-hmistax ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgha (15.08.2004);

2. Tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti minn l-atturi bhala dak fis-somma ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) jew somma verjuri li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi;

Bl-isepjjes u bl-imghax legali u b’hekk is-socjeta` konvenuta tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar is-26 ta’ Jannar 2005 minn din il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Rausi Insurance Agency Limited datata 3 ta’ Frar 2005 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament l-illegittimita` tal-persuna billi *qua* agenti ta’ l-assikurazzjoni l-vinkolu mahluq mill-polza ta’ l-assikurazzjoni ma jorbotx lis-socjeta` konvenuta izda l-assikuratur (*underwriter*) attwali.

2. Sussidjarjament l-intempestivata` ta’ l-azzjoni *stante* li l-kawza saret mill-atturi fi zmien meta l-assikurazzjoni kienet ghadha lesta li tikkunsidra l-*claim* ta’ l-atturi purke` li dawn jaghtu certa nformazzjoni. Dan ser jirrizulta ampjament minn korrispondenza bejn il-partijiet kif ukoll bejn il-konsulenti legali.

3. Illi fil-mertu, u fuq l-informazzjoni fornita s’issa mill-atturi lill-assikurazzjoni (bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni), il-pozizzjoni ta’ l-assikurazzjoni hija li l-atturi ma waslux biex jissostanzjaw il-*claim* taghhom, u kull rikjesta mill-assikurazzjoni sabiex isir dan is-sostanzjament gie njorat mill-atturi. Illi *di piu`* irrizulta li l-istess atturi pprovvdew dokumenti falsifikati lill-assikurazzjoni, u difatti sar rapport lill-Pulizija, kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni. Ghaldaqstant fuq l-informazzjoni disponibbli, l-assikurazzjoni tkun pjenament gustifikata li tichad il-*claim* ta’ l-atturi.

4. Illi l-atturi jridu jgibu prova li d-dghajsa in kwistjoni kienet proprjeta` taghhom meta gherqet, kif ukoll illi l-valur mitlub bhala danni huwa dak li kienet tassew tiswa fil-mument tat-telfa.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 11 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi li huma:- Dok. "A" – silta mill-polza fuq *general exclusions*; Dok. "B" – ammissjoni ta' l-attur li ma kellux *extinguisher;* Dok. "C" – ittra ta' ripudazzjoni; Dok. "D" – dikjarazzjoni sussegwenti minn zewg persuni li tikkontradici d-Dok "B"; Dok. "E" – ir-ricevuti fazulli li taw lok ghall-investigazzjoni tal-Pulizija; Dok "F" – rapport lill-Pulizija; Dok. "G" – silta ohra mill-polza – *vide* klawsola 8; Dok. "H" – ittra ta' Dr. Edward Gatt; Dok "I" – twegiba ta' Dr. Richard Galea Debono; Dok "J" – twegiba ta' Dr. Edward Gatt; Dok "K" – twegiba ta' Dr. Richard Galea Debono; Dok "L" – twegiba ta' Dr. Edward Gatt; Dok. "M" – *e-mail* minn Rausi Insurance lil Dr. Richard Galea Debono; Dok. "N" – ittra ta' Dr. Galea Debono; u Dok. "O" – kopja tal-polza ta' assikurazzjoni, dan kollox kif jidher minn fol. 13 sa fol. 41 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-11 ta' Marzu 2005 a fol. 42 tal-process, fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Edward Gatt li talab li jipprezenta xhieda bl-affidavits. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Mejju 2005 ghall-prezentata ta' l-affidavits ta' l-attur.

Rat in-nota ta' Charles Grech datata 13 ta' April 2005 a fol. 43 tal-process li permezz taghha esebixxa tliet affidavits li huma ta' Mario Borg, ta' Christine Grech u ta' Paul Grech.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta' Mejju 2005 (fol. 52) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghall-atturi. Gew prezentati l-affidivits ta' l-attur izda mhux notifikati lill-kontro-parti. Sussegwentement deher Dr. Richard Galea Debono u ta ruhu b'notifikat ghas-socjeta` konvenuta bl-affidavits ta' l-attur. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Ottubru 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi ta' l-attur li kellom jinstemghu mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi li giet nominata mill-Qorti ghal dan il-ghan.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi tat-28 ta' Gunju 2005 fejn xehed Malcolm Ellul prodott mill-attur; tat-13 ta' Settembru 2005, xehed l-attur Charles Grech; tat-30 ta' Settembru 2005 fejn ma sar xejn minhabba li l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux; u tal-14 ta' Ottubru 2005 fejn Dr. Veronique Dalli ddikjarat li l-atturi ghalqu l-provi taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-23 ta' Novembru 2005 (fol. 69) fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Edward Gatt ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi anke tal-konvenuti.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 20 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-2 ta' Marzu 2006 a fol. 71 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Richard Galea Debono ghas-socjeta` konvenuta. *In vista* tad-dikjarazzjoni ta' l-attur tal-14 ta' Ottubru 2005 (fol. 68) il-Qorti tat zmien lis-socjeta' konvenuta sabiex tipprezenta l-affidavits taghha u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm seduta wahda fil-mori tad-differiment ghax-xhieda ta' l-Ispettur Angelo Gafa` u zewg seduti ghall-kontro-ezami kollha relattivi, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidavit. Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa salv ghal dak premess. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta' Gunju 2006.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 11 ta' April 2006 a fol. 75 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Malcolm Ellul immarkat bhala Dok. "RA 1" u l-affidavit ta' Nigel Rausi (Direttur tal-Kumpanija Rausi Insurance Agency Ltd.) li huwa mmarkat bhala Dok. "RA 2" kollox kif jidher minn fol. 76 sa fol. 83 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-14 ta' Gunju 2006 (fol. 85) fejn ma sar xejn; u tat-2 ta' Mejju 2006 fejn xehed u

bil-kontro-ezami l-Ispettur Angelo Gafa` prodott mis-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-21 ta’ Gunju 2006 (fol.102) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Richard Galea Debono ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex zzomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differiment ghall-kontro-ezamjiet kollha u mill-bqija tikkonferma d-digriet taghha tat-2 ta’ Marzu 2006, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit. Permezz ta’ dan id-digriet il-provi tal-partijiet gew iddikkarjati bhala maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-21 ta’ Novembru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli ta’ l-1 ta’ Novembru 2006 u tal-15 ta’ Novembru 2006 rispettivament fejn ma sar xejn minhabba li prezenti kien hemm biss l-attur u d-difensur tieghu.

Rat in-nota ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fejn informat lill-Qorti li kien fadal il-kontro-ezami ta’ l-attur.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Novembru 2006 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Jannar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi bhala proprjetarji tad-dghajsa “Coronet” Numru 1157 qed jitolbu li jithallsu minghand is-

socjeta' konvenuta l-ammont ta' Lm8,000 rappresentanti allegat valur ta' l-istess dghajsa li kienet hadet in-nar f'incident li sehh fil-15 ta' Awissu 2004, u dan *stante* li allegaw li l-istess qoxra tal-bahar kienet hekk assigurata mas-socjeta' konvenuta bhala socjeta' assiguratrici permezz ta' polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Illi s-socjeta' konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet konistenti fosthom li s-socjeta' konvenuta ma kenitx il-persuna li kellha titharrek f'din il-kawza u dan peress li sostniet li hija agixxiet bhala agent ta' l-assikurazzjoni u r-relazzjoni tal-konvenuti kienet ghalhekk ma' l-assikuratur attwali.

Illi din il-Qorti thoss mill-kopja ta' assigurazzjoni in kwistjoni esebita bhala Dok. "O" a fol. 29 *et sequitur* tal-process, li jidher car li assikuratrici ma kinetx is-socjeta' konvenuta izda li hemm indikati *Underwriters at Lloyd's (hereinafter referred to as "The Underwriters")* tant li fl-istess kuntratt in iskritt jinghad li s-socjeta' konvenuta kienet awtorizzata sabiex tiffirma u tohrog l'hekk imsejjah *Certificate of Insurance "on behalf of The Underwriters whose syndicate numbers are given in the authority",* u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi bhala Agent u ghan-nom ta' l-istess *Underwriters*, u dan huwa indikat espressament minn l-istess kliem uzat fl-istess polza ta' assikurazzjoni nkluzi dawk indikati u ohrajn fejn a fol. 29 tal-process jinghad ukoll li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed tidher fuq l-istess kuntratt ghan-nom ta' l-istess *Underwriters* ta' Lloyds u l-istess assikurazzjoni hija deskritta bhala li giet *"Arranged by Rausi Agency Ltd, Lloyd' correspondent, underwritten by certain syndicates at Lloyd's".*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li r-relazzjoni tal-atturi hija proprju ma l-istess *underwriters* u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi milqugha u l-azzjoni attrici in kwantu diretta kontra s-socjeta' konvenuta qed tigi respinta *stante* li l-istess socjeta' konvenuta f'isimha proprju ma ghandha l-ebda relazzjoni kif proposta fic-citazzjoni attrici ma' l-atturi (**"Mark Gaffarena vs Melita Brokers Limited u Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti lokali**

**ta' certi assikuraturi sindakati ma' LLoyd's" –** P.A. (GCD) – 10 ta' Gunju 2003).

Illi anke jekk bla pregudizzju ghall-premess din il-Qorti kellha tidhol fl-mertu tal-kaz, nkluzi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jidher, li apparti l-eccezzjoni ta' intempestivita', inghatat l-eccezzjoni li l-*claim* ta' l-atturi kellha tigi rigettata u fil-fatt giet repudjata mill-*underwriters* u dan peress li l-atturi ma osservawx il-kondizzjonijiet kollha tal-polza ta' assigurazzjoni fosthom dik indikata fil-*General Exclusion Clause (c)* li tiprovdi li:-

*"No liability shall attach to this insurance in respect of any claim by or arising through the explosion if the Vessel is fitted with inboard machinery and is not equipped with a fire extinguishing system automatically operated or having controls at the steering position and properly installed and maintained in efficient working order".*

Illi dwar ir-regoli li jirregolaw il-kuntratt ta' assigurazzjoni kif inghad fis-sentenza **"Marco Tanti vs O.F.Gollcher & Sons Limited noe"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 - Cit. Nru: 907/96/RCP) :-

*"the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information that is material"… … … … The basis effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract ab initio, and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure. The duty arises whenever a fresh contract is concluded, and most importantly, this includes upon a renewal of any contract except that of life insurance."* (***Birds' Modern Insurance Law*** **–** pg 101 – 102). **"Dr. Gerald Montanaro**

**Gauci vs Alex Agius Cesareo et"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002); **"Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine"** (P.A. (NA) 21 ta' April 1999)."

Illi mbaghad fis-sentenzi **"Joseph Rizzo vs John Formosa noe"** (P.A. (TM) 3 ta' Ottubru 2002 - Cit. Nru: 640/93/TM) u **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et"** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002) ukoll inghad li kuntratt ta' assikurazzjoni hu kuntratt *uberimae fidei* u dan il-principju hu accettat mill-awturi u gurisprudenza in materja. Il-Qorti kompliet tghid li:-

*"Kuntratt t'assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk, fil-kawza "Rozanes vs Bowen", 1928, il-Qorti Ingliza osservat "It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith." Fil-kawza "Greenhill vs Federal Insurance Co Ltd", 1927, rega' ntqal "Now, insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that the position should be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he has not taken as knowing, so that the contract may be entered with an equal footing." Dan il-principju gie emfasizzat fl-**EEC Council Directive tal-1977**, ghalkemm, f'dik id-direttiva, gie suggerit li l-obbligu tal-assikurat huwa ezawrit meta jirrispondi onestament id-domandi li jkun hemm fil-polza, minghajr htiega li jzid aktar".*

Illi dawn il-principji, kif inghad, huma anke accettati mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza **"Camilleri noe vs Bartolo",**

deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu, 1982, polza ta' assikurazzjoni giet invalidata meta rrizulta li l-assikurat ma kienx informa lill-kumpanija assikuratrici li kien ghamel *claims* ohra qabel ma avvicina l-assikurazzjoni. Gie ribadit il-principju li kull fatt materjali ghandu jigi ndikat, u fatt materjali gie deskritt bhala *"fatt ta' xorta tali li jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju."*

Illi fil-kawza **"Degiorgio vs Agius"**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 1962 (Vol XLVI.II.656) intqal li *"il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke' jekk ma jkunx mistoqsi"*
.
Illi l-istess principju gie ribadit dan l-ahhar minn din l-istess Qorti fil-kawza **"Muscat vs Gasan Insurance Agency Limited"** deciza fit-2 ta' Marzu, 1998, u fil-kawza **"Parnis vs Fava"** deciza fis-26 ta' Ottubru, 2001 u **"Joseph Mamo vs Joseph Grech et noe"** (P.A. (TM) 3 ta' Ottubru 2002 - Cit.Nru : 108/93/TM) u **"Alfred Parnis et vs Stephen Fava et nomine"** (P.A. (DS) – 26 ta' Ottubru 2001) u **"Raymond Borg vs Fogg Limited et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2003).

Illi hu wkoll stabbilit fil-gurisprudenza illi *"il-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza."* (Vol.XXXVI.II.610).

Illi fis-sentenza *supra citata* ta' **"Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe"** gie kkwotat il-kaz ta' **"Carter vs Boehm"** (1766 3 Burr 1905 at 1909) meta **Lord Mansfield** spjega li:-

*"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only:*

*the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist."*

Illi l-Qorti kompliet :-

*"Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, apparti li din il-Qorti thoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-proposal form ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soggettiva li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess proposal form, pero' oggettivament gie stabbilit li "a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess."* **(*Birds' Modern Insurance Law –*** pg.100 – ***Law Commission Report* No. 104** para.4.48). *Gie affermat ukoll il-principju li l-kwistjoni dwar il-materjalita' hija kwistjoni ta' fatt (**Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd. (1927 A.C. 139)**.*

Illi rigward ta' x'inhu meqjus materjali l-Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe"** (A.C. 9 ta' Frar 2001) qalet li gie ritenut li:-

*"In general the wide ranging nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarding as rigid, inflexible and out of date. The expression 'contracts uberimmae fidei' has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured's duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance*

*contracts"* (**Semin Park – The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law** *(1996) p.68). Indubbjament pero' u minghajr ebda rizerva 'the fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material.'* (**Fire and Motor Insurance Ivamy** *3rd edition, (1978)p.203)."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubji li l-atturi kellhom l-obbligu li josservaw il-kondizzjonijiet tal-polza, anke fir-rigward tal-klawsola fuq indikata u dan ghaliex hemm ftehim dwar l-istess bejn il-kontraenti fl-istess polza li jifforma ligi bejn il-partijiet u li s-sinifikat tieghu huwa wiehed car. Ma hemm l-ebda dubju li din il-klawsola fuq imsemmija kienet parti integrali mill-istess polza u fil-fatt s-socjeta' konvenuta ghan-nom ta' l-istess *underwriters* insistiet anke b'ittra datata 27 ta' Settembru 2004 li l-istess bicca tal-bahar fil-fatt ma kellha ebda *fire extinguishing system automatically operated* u dan anke abbazi ta' l-i*statment* maghmul mill-istess attur datat 10 ta' Settembru 2004 (Dok. "B" – fol. 14) fejn fil-fatt l-istess attur jghid li kien hemm *"3 fire extinguishers. The 3 extinguishers were 1 kg powder each and were manually operated. One was located near steering wheel, one was located in cabin and other was on the sundeck".*

Illi wara li sehh dan u anke jidher li l-istess socjeta' konvenuta spjegat ukoll dan kollu lill-Avukat Dr. Edward Woods, li dak in-nhar kien qed jipprezenta lill-atturi, l-attur mar ghand is-socjeta' konvenuta ma habib tieghu u kellem lil Malcolm Ellul u din-id darba insista li kien hemm *automatic fire extinguisher* fuq l-istess dghajsa, u dan ikkonfermawh hu l-attur Paul Grech u Mario Borg, li sostnew li kienu t-tnejn jaghmlu *maintenance* tal-magna, (ghalkemm fl-i*statement* in iskritt tieghu l-attur sostna li *"maintence was always carried out by me"* - fol. 14). Dwar dan l-imsemmija zewg persuni sa ghamlu dikjarazzjoni bil-miktub datata 5 ta' Ottubru 2004 (Dok. "D" – fol. 16). L-attur gie mitlub mis-socjeta' konvenuta *tramite* l-istess Malcolm Ellul u Nigel Rausi sabiex igib ricevuta ta' l-istess *automatic fire extinguisher* u fil-fatt gab wahda li huma ssuspettaw li kienet falza u fil-fatt minn investigazzjoni tal-

Pulizija, kif ikkonfermata mix-xhieda ta’ l-Ispettur Angelo Gafa’ datata 2 ta’ Mejju 2006, jirrizulta l-*vat receipt* u *tax invoice receipt* pprezentati mill-attur ghax-xiri ta’ tliet *fire extinguishers* minghand id-ditta Borg Tyre Centre datata 3 ta’ Marzu 2003 kienu foloz ghaliex fil-fatt inhargu biss fit-8 ta’ Ottubru 2004. Mhux biss izda Carmelino Borg ghan-nom ta’ l-istess ditta kien qal li il-*fire extinguishers* mixtrija, anke dak in-nhar lanqas kienu *automatic*. Dan fil-fatt ammetta li kien hareg dawn id-dokumenti sabiex jaghmel pjacir lill-ahwa Grech ghalkemm l-attur odjern isostni li ghamel dan ghaliex kien tilef l-ircevuti originali.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li t-tezi ta’ l-atturi li l-istess dghajsa kienet armata *b’fire extinguisher automatic* ma tistax tigi accettata u f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li mix-xhieda prodotta mhux biss l-istess atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li huma osservaw il-kondizzjonijiet tal-polza f’dan ir-rigward anke peress li x-xhieda taghhom hija kontradittorja, inkonsistenti u inverosimili, izda wkoll f’dan ir-rigward thoss li x-xhieda taghhom giet kontradetta mix-xhieda tas-socjeta’ konvenuta, kemm dik moghtija b’affidavit, u kemm *viva voce,* tant li din il-Qorti thoss li l-istess socjeta’ konvenuta ippruvat l-allegazzjonijiet taghha f’dan ir-rigward u kienet gustifikata li, dejjem ghan-nom ta’ l-*underwriters* tal-polza, tichad l-istess *claim* tal-atturi anke permezz ta’ ittra datata 27 ta’ Settembru 2004, u affidavits ta’ Malcolm Ellul u Nigel Rausi, li fuq dan ir-ragunament huma ghal kollox konsistenti ma l-allegazzjonijiet u l-eccezzjonijiet minnhom moghtija – tali li jwaqqghu ghall-kollox it-tezi attrici. F’dan ir-rigward ukoll l-azzjoni attrici qed tigi allegatament rigettata, anke minhabba inkonsistenzi serji fix-xhieda ta’ l-atturi u nkluz fl-i*statement* of *claim* u f’dak li sehh wara li juri anke inkonsistenza fil-provi attrici, anke dwar min kien jaghmel manutenzjoni ta’ l-istess dghajsa, li jpoggi fid-dubju il-veracita’ ta’ dak sussegwentement allegat mix-xhieda prodotti mill-attur – u dan assodat mill-mod kif l-istess producew dokumenti dwar l-istess *fire extinguishers,* dokumenti li rrizultaw fazulli .

Illi dan iwassal ukoll sabiex ikun hemm ksur ukoll mill-atturi ta’ klawsola ohra fl-istess kuntratt li hija dik maghrufa bhala *Claim Procedures 8* li tipprovdi:-

*“If you make any claim, or any statement in connection with any claim, which you know to be false or fraudulent, or fail to disclose any material information in connection with a claim or at the underwriting stage, this insurance will be void from its inception and the Underwriters will be entitled to retain any premium paid or seek recovery for any premium owing”.*

Illi dan apparti wkoll konsiderazzjoni relevanti ghall-accettazzjoni *o meno* ta’ l-istess *claim* fejn jidher li l-istess atturi naqsu wkoll li jipprovdu dokumenti essenzjali bhala prova ta’ titolu u wkoll il-fatt li jidher li l-attur qatt ma kellu licenzja tas-sewqan ta’ opri tal-bahar u dan imur mhux biss kontra r-regolamenti tal-Bahar 325.15 (Avviz Legali 129 tal-2001) izda kiser il-*warranty h* ta’ l-istess polza fejn l-istess assikurat kien obbligat li jkollu l-permessi u licenzji kollha skond il-ligi tal-pajjiz fejn id-dghajsa kienet qed tintuza u b’hekk l-attur kiser ukoll din il-kondizzjoni tal-polza.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu respinti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fis-sens biss hawn deciz, u *in vista* ta’ l-ewwel eccezzjoni tillibera lis-socjeta’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, **tichad it-talbiet attrici *stante* dak hawn deciz u ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------